



Brussell, 27 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7041/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0169(COD)

CODEC 218
ENV 189
SAN 114
CONSOM 64
AGRI 100

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-28 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Frar 2019⁴.

¹ 9498/18 + ADD 1 sa 6.

² ĠU C 110, 22.3.2019, p. 94.

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 353.

⁴ 6427/19.

5. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq⁵.
6. Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari⁶ huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tinsab fl-addendum għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.
7. Fin-nuqqas ta' laqgħat tal-Kunsill u fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
- għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma kif jinsab fid-dokument 15301/19 REV1 u d-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 15301/19 ADD 1 REV1.

⁵ F'konformità mal-ittra tal-21 ta' Jannar 2020 li ntbagħtet mill-President tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew lill-President tal-COREPER, il-Parlament Ewropew, waqt it-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.

⁶ 15301/19 REV1 + 15301/19 ADD 1 REV1